A.L. 82 tal-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.71

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ għall-kaċċa;" għandhom jidħlu l-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ għall-kaċċa:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali determinati bi qbil mal-Ministru, ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Ministru għall-inqas ġimgħatejn qabel ma jkun propost li jibda l-istaġun miftuħ li fih tkun permessa l-kaċċa;"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ meta jista' jsir it-teħid;" għandhom jidħlu l-kliem "qabel ma jibda l-istaġun miftuħ meta jista' jsir it-teħid:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali determinati bi qbil mal-Ministru, ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Ministru għall-inqas ġimgħatejn qabel ma jkun propost li jibda l-istaġun miftuħ li fih tkun permessa l-kaċċa;".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-subregolament (5) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "bejn l-1 u l-31 ta' Jannar ta' kull sena" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien ġimgħa minn meta jispiċċa l-perjodu li għalih tkun inħarġet skont l-Iskeda IV ta' dawn ir-regolamenti"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "Il-liċenzi ġodda jew il-liċenzi mġedda" għandhom jidħlu l-kliem "Il-liċenzi annwali jew il-liċenzi mġedda kull sena".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (2) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "Permess ma jistax jiġġedded" għandhom jidħlu l-kliem "Permess ma jistax jinħareġ jew jiġġedded".

Jemenda l-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minfok il-paragrafu 2 tal-Iskeda IV tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

" 2. Il-*Carnet de Chasse* għandu jinħareġ għal kull sena li, għall-finijiet tal-*carnet de chasse*, tibda wara li jintemm l-istaġun miftuħ tal-ħarifa ta' qabel u jispiċċa meta jintemm l-istaġun miftuħ tal-ħarif ta' dik is-sena, ukoll jekk l-istaġun miftuħ tal-ħarifa jintemm fl-ewwel ġimgħat tas-sena li tiġi wara.".